MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 91/2018/1 LM

**Kevin Micallef (K.I. 481868M)**
***(l-appellant)***

***vs.***

**Bianca Rizzo u GasanMamo Insurance Limited (C3143)**
***(l-appellati)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell magħmul mill-attur **Kevin Micallef** (K.I. 481868M), mil-lodo arbitrali mogħti miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fit-23 ta' Awwissu, 2018

(minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru iddeċidiet illi:

> *"... tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimata, u tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti perenta ai termini tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u kwindi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet taf il-bidu tagħha fl-inċident tat-traffiku li seħħ fis-7 ta' Marzu, 2010 ġewwa n-Naxxar, waqt li l-vettura proprjetà tar-rikorrent Kevin Micallef kienet ipparkjata, u l-intimata **Bianca Rizzo** għal xi raġuni tilfet il-kontroll tal-vettura li kienet qiegħda ssuq, u baqgħet dieħla f'għadd ta' vetturi, fosthom f'dik tar-rikorrent. Konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura proprjetà tar-rikorrent ġiet iddikjarata *total loss,* u in vista ta' dan, huwa istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara li kien bagħat ukoll diversi ittri interpellatorji lill-intimata. Jirriżulta li dawn l-ittri interpellatorji ntbagħtu fl-4 ta' April, 2011 u fil-25 ta' Mejju, 2011. Wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet li hija ma kellhiex il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tisma' tilwimiet ta' din ix-xorta, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), l-appellant istitwixxa l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ.

## Mertu

3. Ir-rikorrent kien fetaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' rikors ippreżentat minnu fl-20 ta' Ottubru, 2011, li permezz tiegħu talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimata tħallas id-danni sofferti minnu konsegwenza tal-imsemmi inċident. Fir-risposta tagħha l-intimata eċċepiet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għandhiex il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tisma' tilwimiet dwar vetturi u kolliżjonijiet. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Novembru, 2012, laqgħet din l-eċċezzjoni tal-intimata, u ddeċidiet li m'għandhiex il-kompetenza *rationae materiae* tisma' kawżi ta' din ix-xorta, stante li l-leġiżlatur ried li kwalunkwe tilwima dwar vetturi u kolliżjonijiet għandha tiġi deċiża permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ.

4. Ir-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u interpona appell minnha fl-4 ta' Diċembru, 2012, u bbaża l-appell tiegħu fuq żewġ aggravji ewlenin: l-ewwel li dik il-parti tal-liġi li tittratta arbitraġġi mandatorji m'għadhiex fis-seħħ in vista ta' diversi sentenzi li ngħataw mill-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll għax skont hu, il-kawża promossa minnu ma kinitx qiegħda titlob deċiżjoni dwar min kellu tort għall-imsemmi inċident, iżda kellha biss tiddeċiedi dwar id-danni dovuta. Minkejja din il-Qorti kif diversament preseduta, b'sentenza tat-22 ta' Frar 2016, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fejn qalet li tilwimiet ta' din ix-xorta għandhom jiġu determinati fi proċeduri ta' arbitraġġ.

5. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri ta' arbitraġġ fit-3 ta' Novembru, 2016. Għat-talbiet imressqa mir-rikorrent, l-intimata eċċepiet li l-proċedura ta' arbitraġġ istitwita mir-rikorrent kienet *fuori termine,* peress li l-attur kellu terminu ta' xahar sabiex iġib 'il quddiem l-azzjoni tiegħu quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. Fil-każ odjern, it-talba tar-rikorrent quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kellha tiġi ppreżentata fi żmien xahar mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, u għalhekk l-intimata sostniet li t-talba tar-rikorrent kienet perenta.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fit-23 ta' Awwissu, 2018, l-Arbitru ddeċidiet li kellha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimata, u konsegwentement iddikjarat l-azzjoni tar-rikorrenti perenta *ai termini* tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Id-difensuri legali tal-partijiet qablu illi l-Arbitru għandha tagħti deċiżjoni separata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ossia illi l-azzjoni rikorrenti hija improponibbli stante li ġiet ippreżentata oltre t-terminu preskritt fl-Artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi l-preżenti tittratta biss l-imsemmija eċċezzjoni preliminari.*
>
> *Ikkunsidrat:-*
>
> *Illi dan l-Arbitraġġ jirrigwarda inċident illi seħħ fis-7 ta' Marzu 2010 skont kif jirriżulta minn Dok. LB1 esebit in atti mal-Avviż tal-Arbitraġġ, imressaq mir-rikorrent*

*innifsu. Id-difensuri legali tal-partijiet ivverbalizzaw il-qbil tagħhom dwar dan fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2017 – dan in vista tal-fatt illi l-inċident de quo ġie erronjament indikat, fi proċeduri oħra preċedenti, bħala li seħħ fl-2011 – hekk kif jirriżulta f'Dok. A u Dok. B. Il-proċeduri appena msemmija kienu ġew istitwiti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet* ***Kevin Micallef vs GasanMamo Insurance Limited u Bianca Rizzo*** *(Avviż Nru. 357/2011) permezz ta' rikors ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2011 u deċiż fl-14 ta' Novembru 2012, mil-liema sentenza kien ġie intavolat appell illi ġie deċiż definittivament per Onor. Anthony Ellul fit-22 ta' Frar 2016.*

*Issa, l-intimata eċċepiet preliminarjament, li l-azzjoni tar-rikorrenti hija fuori termine ai termini tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi ġiet istitwita oltre xahar mis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).*

*L-artikolu 2132(2) tal-Kodiċi Ċivili jaqra hekk:*

*(1) Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda.*

*(2) Għal dik li hija r-rinunzja jew iċ-ċaħda ta' talba ġudizzjarja, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux fil-każijiet li l-attur jista', skont il-liġi, jerġa' jġib 'il quddiem it-talba, basta li din it-talba terġa' tinġieb 'il quddiem fl-istess qorti jew f'oħra fi żmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew taċ-ċaħda, u l-konvenut jiġi nnotifikat bil-mod u fiż-żmien imsemmijin fiż-żewġ artikoli ta' qabel dan, skont ma jkun il-każ."*

*Is-subinċiż (2) tal-artikolu 2132 appena ċitat huwa tassattiv. L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet* ***Thomas Zahra et vs Joseph Cassar et***[1] *ikkristallizzat din il-pożizzjoni wkoll ġurisprudenzjalment:-*

> *"fil-każ ta' ċaħda tat-talba u tal-konsegwenti liberazzjoni jiġi impedut id-dekorriment tal-preskrizzjoni fiż-żmien għar-realizzar tad-dritt bil-mod ġurisprudenzjali, basta s'intendi li jiġi osservat, għal konservazzjoni tal-interruzzjoni, ir-riproponiment tal-azzjoni fiż-żmien statwit ta' xahar."*

[1] Ċitazzjoni Numru 861/2014, deċiża fit-30 ta' Lulju 2015, per Onor. Imħallef Anthony Ellul.

*Issa, mill-atti jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fir-Reġistru taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fit-3 ta' Novembru 2016, filwaqt li l-kawża fl-ismijiet* ***Kevin Micallef vs Bianca Rizzo et*** *ġiet definittivament deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar 2016. Għalhekk jirriżulta kjarament illi r-rikorrenti naqas milli jressaq l-azzjoni tiegħu tempestivament għaliex din l-azzjoni nġiebet iktar tard mit-terminu ta' xahar preskritt fl-artikolu 2132(2) tal-Kodiċi Ċivili. Dan iġib miegħu l-konsegwenza illi l-ksur tal-preskrizzjoni illi kien seħħ permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrenti odjerni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fl-20 ta' Ottubru 2011, ma jibqax jiswa, hekk kif tiddetta espressament id-dispożizzjoni appena msemmija. F'dan il-każ, tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-istess Kodiċi Ċivili, b'dan allura illi l-proċeduri odjerni ġew istitwiti ferm wara d-dekorrenza tat-terminu tal-preskrizzjoni, u għandhom kwindi jiġu miċħuda."*

## L-Appell

7. Ir-rikorrent ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni fit-23 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha takkolji dan l-appell u filwaqt li tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ datata 23 ta' Awwissu 2018 fl-ismijiet* ***Kevin Micallef vs Bianca Rizzo u GasanMamo*** *li ġie skorrettement indikat fil-lodo bħala '****Kevin Micallef vs Bianca Rizzo'*** *u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari mressqa minn Bianca Rizzo u tirrinvija l-atti sabiex l-Arbitru jkompli jisma' dan l-Arbitraġġ, bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ u dawk ta' quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-konvenuti, issa appellati."*

7. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ għaliex: (i) l-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 m'għandux isib applikazzjoni fil-każ odjern ladarba t-talbiet tal-esponenti fil-proċeduri li

nstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qatt ma ġew mićħuda, iżda kien ġie deċiż biss li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ; (ii) il-preskrizzjoni ġiet interrotta mill-appellata Bianca Rizzo stess, permezz tat-tieni eċċezzjoni li ressqet għal dan l-arbitraġġ, fejn tgħid li d-danni pretiżi mill-attur huma kkontestati, u li r-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova t-telf li ġarrab minħabba fl-imsemmi inċident. L-appellant jgħid li kwalunkwe kontestazzjoni tal-*quantum* tad-danni hija sinonima ma' ammissjoni tad-dejn. L-appellant jgħid ukoll li l-appellata qatt ma kkontestat ir-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni; (iii) l-appellant jgħid ukoll li ladarba s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited baqgħet ma ressqet l-ebda risposta, dan l-arbitraġġ għandu jitkompla fil-konfront tagħha u għalhekk l-Arbitru ma setgħetx tiddikjara li din l-azzjoni hija perenta fil-konfront tas-soċjetà assiguratriċi ladarba din ma ressqet l-ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens.

## **<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-appellata Bianca Rizzo qalet li hemm diversi insenjamenti ġurisprudenzjali li jgħidu bil-kontra ta' dak li qiegħed jgħid l-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu, meta jinsisti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tatx deċiżjoni dwar il-lanjanzi tiegħu meta din astjeniet milli tkompli tisma' l-kawża, wara li stabbiliet li tilwimiet ta' din ix-xorta għandhom jinġiebu quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. L-appellata għamlet riferiment

għal dak li qal it-Tribunal għal Talbiet Żgħar f'deċiżjoni fl-ismijiet **Elmo Insurance Limited et noe *vs.* Kunsill Lokali Gżira**[2], u żiedet tgħid li ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ kien korrett meta applika d-dispost tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għaċ-ċirkostanzi odjerni. L-appellata għamlet ukoll riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 2117A tal-Kap. 16 li jgħid li għal dak li għandu x'jaqsam mal-preskrizzjoni, kull kwistjoni li tiġi riferuta għall-arbitraġġ, għandha jkollha l-istess effett ta' azzjoni ġudizzjarja quddiem qorti kompetenti. L-appellata saħqet li l-appellant kien skorrett meta ħalla aktar minn xahar jgħaddi minn dakinhar li ġiet deċiża l-kwistjoni dwar il-kompetenza mill-Qorti tal-Appell, u l-appellant lanqas ma jista' jakkampa ma' dak li jipprovdi l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili in sostenn tal-argument tiegħu li l-azzjoni tiegħu mhix perenta, għaliex iż-żmien preskrittiv ta' sentejn minn dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kien ilu li għadda meta ġew intavolati l-proċeduri quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ.

9. Dwar l-aggravju tal-ammissjoni tad-dejn u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, l-appellata qalet li l-appellant qiegħed iqajjem din il-kwistjoni għall-ewwel darba f'dan il-forum, u hija bl-ebda mod ma trid tinftiehem li aċċettat ir-responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri kif qiegħed jallega l-appellant. L-appellata qalet li għall-kuntrarju ta' dak li qiegħed jintqal mill-appellant, hija kkontestat l-eżistenza ta' kwalunkwe danni,

[2] Talba nru. 385/2017 AM (21.06.2018), fejn it-Tribunal qal hekk: "Dan it-Tribunal itendi favur dan l-insenjament u ssib fil-fattispeċi li l-liberazzjoni tal-Kunsill konvenut minħabba n-nuqqas tal-kompetenza tal-Arbitraġġ tikkwalifika ukoll bħala '*un rigetto della domanda attrici che lasciava di legge in facoltà all'attore di riprodurre la domanda*' (Vol. XXIV p.II p. 472). Dan għaliex jikkostitwixxi provvediment ta' natura deċiżorja li għandu bħala oġġett pronunzjament merament proċesswali u proċedurali."

meta insistiet li r-rikorrent għandu jipprova l-eżistenza tad-danni pretiżi u r-responsabbilità tagħha għall-imsemmija danni. L-appellata qalet ukoll li kien ikun hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjonijiet sollevati minnha li kieku hija eċċepiet li d-danni mitluba mill-appellant mhumiex dovuta lilu fl-ammont mitlub minnu iżda f'ammont inqas. F'dan il-każ l-intimata kkontestat l-eżistenza ta' kwalunkwe danni u fl-ebda waqt m'ammettiet li hemm xi danni dovuta minnha.

10. L-appellata qalet ukoll li s-soċjetà assiguratriċi GasanMamo Insurance Limited bl-ebda mod ma kienet parti fil-proċeduri tal-arbitraġġ intavolati mill-appellant u l-istess soċjetà assiguratriċi lanqas ma ġiet imsejħa sabiex tippartecipa fl-istess proċeduri. Hija kompliet tgħid li għalhekk kwalunkwe allegazzjoni tal-appellant li s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited naqset milli tikkontesta t-talbiet tal-appellant hija għalkollox infondata, għaliex din l-istess soċjetà ma kinitx parti fl-imsemmija proċeduri. Huwa għalhekk, ikkonkludiet l-appellata, li l-proċeduri tal-arbitraġġ ma jistgħux jitkomplew fir-rigward tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited.

11. Is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited ukoll ippreżentat risposta wara li ġiet notifikata bl-appell odjern, fejn eċċepiet li hija qatt ma kienet parti fil-proċeduri tal-arbitraġġ, u mill-avviż tal-arbitraġġ stess ippreżentat mill-appellant, jirriżulta li s-soċjetà assiguratriċi mhijiex indikata bħala intimata fil-kawża. Is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited irrilevat li l-proċeduri tal-arbitraġġ infetħu esklussivament kontra Bianca Rizzo, li hija l-assikurata tal-

istess soċjetà. Fit-talbiet imressqa mir-rikorrent quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ġie ppreċiżat illi waħda mit-talbiet hija indirizzata kontra l-assiguraturi tar-rispondent, li ma kinux parti f'dawk il-proċeduri. Is-soċjetà assiguratriċi wieġbet ukoll li hija qatt ma ġiet imsejħa biex tippartecipa fil-proċeduri tal-arbitraġġ, u filwaqt li hija tassew kienet waħda mill-partijiet fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (357/2011) li ġiet intavolata mill-appellant fl-20 ta' Ottubru, 2011, is-soċjetà assiguratriċi bl-ebda mod ma kienet tifforma parti mill-proċeduri tal-arbitraġġ. Is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited eċċepiet li ladarba hija ma kinitx tifforma parti mill-proċeduri tal-arbitraġġ istitwiti mill-appellant, konsegwentement iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ma jistax jordna l-prosegwiment tal-arbitraġġ fil-konfront tagħha biss. Is-soċjetà assiguratriċi qalet ukoll li tant l-appellant kien konxju li s-soċjetà assiguratriċi ma kinitx parti mill-proċeduri tal-arbitraġġ, li dan kien bagħat ittra uffiċjali lill-istess soċjetà sabiex jinfurmaha bil-proċeduri istitwiti minnu fil-konfront tal-assigurata tagħha Bianca Rizzo.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ u in vista tar-risposti mogħtija kemm mill-appellata kif ukoll mis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited.

*L-ewwel aggravju:* *l-applikabilità tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 għall-każ odjern, in vista tal-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża*

L-appellant jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 ma jgħoddux għaċ-ċirkostanzi odjerni. In suċċint, dan l-artikolu jimponi terminu ta' xahar mir-rinunzja jew miċ-ċaħda ta' talba ġudizzjarja sabiex ir-rikorrent jerġa' jġib 'il quddiem it-talba tiegħu, imbasta li din it-talba terġa' titressaq fl-istess Qorti jew f'oħra fi żmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew ċaħda. L-appellant jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qatt ma ċaħdet it-talba tiegħu, iżda astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tiegħu wara li qieset li m'għadhiex il-kompetenza *rationae materiae*. L-appellant jokkontendi li in vista tal-astensjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), it-terminu preskrittiv sabiex huwa jkun jista' jerġa' jressaq l-azzjoni tiegħu huwa ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153 u mhux ta' xahar kif jipprovdi l-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament u tirrileva li l-mertu ta' dawn il-proċeduri huwa inċident tat-traffiku li kien seħħ fis-7 ta' Marzu, 2010, kważi għaxar snin ilu. L-attur kien ippreżenta l-ewwel kawża tiegħu kontra l-konvenuta permezz ta' rikors li ressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Ottubru, 2011, u għalhekk entro t-terminu ta' sentejn minn dakinhar li seħħ l-inċident b'konformità mal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili rigward azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati minn reat. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

tat id-deċiżjoni tagħha fl-14 ta' Novembru, 2012, fejn qalet li hija ma kellhiex il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tisma' u tiddeċiedi kawżi dwar kolliżjonijiet peress li l-leġiżlatur ried li kwistjonijiet simili jiġu deċiżi miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni għax ħassu aggravat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet fuqu li jmur quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ għal rimedju. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ċaħdet l-appell tiegħu bis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar, 2016, fejn irritjeniet li tilwimiet ta' din ix-xorta kellhom jiġu determinati fi proċeduri ta' arbitraġġ. Ir-rikorrent issa appellant jippretendi li minn dakinhar li ngħatat dik id-deċiżjoni, beda jiddekorri terminu preskrittiv ta' sentejn meta huwa kellu jressaq il-pretensjonijiet tiegħu fi proċeduri quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Il-Qorti tirrileva li t-terminu preskrittiv ta' sentejn li matulhom ir-rikorrent kellu jressaq il-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' proċeduri legali, bdew jiddekorru minn dakinhar li seħħ l-inċident fis-7 ta' Marzu, 2010, kif fil-fatt jirriżulta li għamel. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn qalet li hija ma kinitx il-*forum* kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-ilmenti mressqa mill-attur, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Frar, 2016, kienet tammonta għal provvediment deċiżorju, li permezz tiegħu l-attur kellu jagħraf jindirizza l-ilmenti tiegħu quddiem il-*forum* kompetenti indikat mil-leġiżlatur għal dan l-iskop. L-astensjoni tal-Qorti milli tkompli tisma' l-kawża ma kellhiex isservi biex tħassar jew b'xi mod tannulla kwalunkwe terminu preskrittiv li laħaq iddekorra, iżda kienet fiha nnifisha deċiżjoni fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippronunzjat ruħha li ma kinitx il-forum

kompetenti biex tisma' l-lanjanzi mressqa mir-rikorrent. Minn dakinhar li dik id-deċiżjoni tat-22 ta' Frar, 2016 għaddiet in ġudikat, ir-rikorrent kellu terminu ta' xahar sabiex jerġa' jipproponi l-azzjoni tiegħu, din id-darba quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. Din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tagħti lok għall-ebda interpretazzjoni oħra. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Joseph u Victor Aquilina noe *vs.* Charles Camilleri**[3], fejn ġie spjegat illi:

> "... is-subinċiż (1) tal-Artikolu 2132 suddett jipprovdi illi "l-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tiġi deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda."
>
> Biex il-qagħda tiġi salvata u l-proċediment l-ieħor ikun jiswa biex tiġi interrotta l-preskrizzjoni jenħtieġ, skont it-termini tat-tieni subinċiż tal-preċitat artikolu fil-każ ta' rinunzja jew taċ-ċaħda tat-talba ġudizzjarja illi l-attur jerġa' jġib 'il quddiem it-talba tiegħu quddiem l-istess qorti jew f'qorti oħra fi żmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew taċ-ċaħda u l-konvenut jiġi nnotifikat bil-mod u fiż-żmien preskritti fl-Artikoli 2130 u 2131 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> Korrettement intiża din id-dispożizzjoni skont l-ispjega fornita mill-Imħallef G. Cremona fil-kawża fl-ismijiet **Giovanna Scerri pro et noe *vs* Filippo Zammit et**, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Frar 1921 (Vol. XXIV p.II, p. 470), "*l'interruzione della prescrizione fatta per mezzo di una domanda giudiziaria si ritiene come non avvenuta se la domanda viene rigettata anche per liberazione del convenuto dall'osservanza del giudizio, purche l'attore non riproponga l'azione entro un mese.*"
>
> ...
>
> Ir-ratio imbagħad tas-subinċiż (2) tal-Artikolu 2132 hawn kummentat hu dak li anki fil-każ ta' ċaħda tat-talba u tal-konsegwenti liberazzjoni jiġi impedut id-dekorriment tal-preskrizzjoni fiż-żmien għar-realizzar tad-dritt bil-mod ġurisidizzjonali, basta

[3] P.A., 10.03.2004.

> s'intendi li jiġi osservat għall-konservazzjoni tal-interruzzjoni, ir-riproponiment tal-azzjoni fiż-żmien statwit ta' xahar."

Din il-Qorti tqis li ladarba l-attur appellant naqas milli jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien ta' xahar, kif titlob il-liġi, huwa ppreġudika l-pożizzjoni tiegħu u konsegwentement ma jistax jipproponi l-azzjoni quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ wara li ddekorra l-imsemmi terminu.

*It-tieni aggravju:* *l-inkompatibilità bejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li kkontestat il-quantum tad-danni pretiżi mill-attur u għalhekk ammettiet li hija debitriċi tiegħu. Intqal ukoll mill-appellant li l-appellata fl-ebda waqt ma ċaħdet li hija responsabbli għad-danni subiti mill-appellant*

13. Permezz tat-tieni aggravju mressaq mill-appellant sar riferiment għat-tieni eċċezzjoni tal-intimata fejn intqal li d-danni pretiżi mill-appellant huma kkontestati minnha, u l-appellant għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova t-telf li ġarrab b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. L-appellant jgħid li b'din l-eċċezzjoni tagħha, l-intimata mhijiex qiegħda tikkontesta r-responsabbilità tagħha għall-inċident, iżda qiegħda tikkontesta l-*quantum* tad-danni pretiżi minnu. Jgħid li dan jammonta għal rinunzja taċita tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimata, u li għalhekk hemm kunflitt bejn l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata. L-intimata appellata tgħid li dan mhux minnu, u tisħaq li hija saħansitra qiegħda tikkontesta l-eżistenza

tad-danni li l-appellant jgħid li sofra, u li din l-eċċezzjoni mressqa minnha hija kompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, b'differenza minn każijiet oħrajn fejn il-parti intimata tikkontesta l-*quantum* tad-danni pretiżi, jew tgħid li huma esaġerati, l-intimata qiegħda tgħid li r-rikorrent appellant għandu jġib prova tad-danni sofferti minnu, għax skont hi, hija ma kkawżat l-ebda danni lir-rikorrent. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Koperattiva tal-Coaches (Koptaco) Ltd. *vs.* Thomas Smith Insurance Agency Limited noe et**[4], fejn intqal illi:

> "... f'din il-kawża b'kuntrast evidenti ma' **Vella *vs* Cefai** u sentenzi oħrajn – m'hawnx biss *sic et simpliciter* il-kontestazzjoni tal-kwantum. Hawn ukoll ċaħda totali tar-responsabbilità għall-inċident fi kliem ieħor negazzjoni li huma debituri. Huwa in vista ta' din il-qagħda li huwa applikabbli t-tagħlim tad-dottrina u l-ġurisprudenz ċċitata mill-konvenuta u mill-imsejħa fil-kawża li:
>
> (i) *Quando il debitore, **senza negare in sostanza di essere tale**, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuti, vi ha rinunzia tacia alla prescrizione*[5], u li
>
> (ii) Id-debitur li ma jiċħadx li kellu jagħti, imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma għandux jagħti daqs kemm jippretendi l-kreditur nomine, jirrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni; għaliex l-inċertezza tal-*quantum* ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu[6]".

Il-Qorti tirrileva li bil-mod kif inhi postulata t-tieni eċċezzjoni tal-intimata li qiegħed jagħmel riferiment għaliha r-rikorrent, l-intimata tiċħad li hija

[4] P.A., 14.03.2019 (121/2013).
[5] Aubry et Rau, Vol. VIII para. 776; Troplong, Prescrizione no. 67.
[6] **Gustavo Micallef *vs* Eleonore Micallef,** PAQĊ, Kollez. XXXII.ii.307.

għandha tħallas lir-rikorrent tad-danni allegatament sofferti minnu, tant hu hekk li titlob lill-attur iressaq prova ta' tali danni. Għaldaqstant m'hemmx ir-rinunzja taċita għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif qiegħed jippretendi r-rikorrent, u lanqas m'hemm xi forma ta' ammissjoni da parti tal-intimata tar-responsabbilità għall-inċident jew għall-ħlas tad-danni. Huwa għalhekk li dan l-aggravju tal-appellant qiegħed ukoll jiġi miċħud, peress li ma jirriżultax li l-intimata qiegħda tammetti li għandha tħallas xi danni lir-rikorrent appellant.

*It-tielet aggravju* *Nuqqas ta' kontestazzjoni da parti ta' GasanMamo Insurance Limited*

Mill-provi jirriżulta li l-proċeduri tal-arbitraġġ infetħu mir-rikorrent kontra l-intimata Bianca Rizzo u s-soċjetà assiguratriċi GasanMamo Insurance Limited la kienet parti f'dawk il-proċeduri, u lanqas issejħet biex tagħmel parti minnhom f'xi waqt tal-prosegwiment tal-kawża. Għalhekk l-asserzjoni tal-appellant li l-azzjoni ma tistax titqies li hija perenta fil-konfront ta' GasanMamo Insurance Limited, hija waħda ferm gratuwita u mhijiex legalment sostennibbli, peress li jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-imsemmija soċjetà assiguratriċi ma kinitx tifforma parti mill-proċeduri tal-arbitraġġ li nbdew mir-rikorrent, u għalhekk la kellha eċċezzjonijiet x'tagħti u lanqas ma hemm xi proċeduri li jistgħu jitkomplew fil-konfront tagħha. Għal xi raġuni ir-rikorrent appellant ikkunsidra li s-soċjetà assiguratriċi kellha tkun parti mill-proċeduri li huwa istitwixxa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imma

mhux parti mill-proċeduri tal-arbitraġġ. Għaldaqstant huwa ċar u manifest li anki dan it-tielet aggravju tar-rikorrent appellant huwa mingħajr bażi u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Tiċħad l-appell tal-appellant rikorrent;**
2) **Tikkonferma d-deċiżjoni taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ tat-23 ta' Awwissu, 2018, fejn l-Arbitru ddeċidiet li għandha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimata appellata u ddikjarat l-azzjoni tal-intimata appellata perenta *ai termini* tal-artikolu 2132(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent appellant, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**